**9 ta' Marzu, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**Vincent Parnis**

*versus*

**Giovanni Parnis**

**Aċċettazzjoni ta' Eredità jew Rinunzja — Interess — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 909 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min hu msejjaħ għal wirt jista' jiġi mġiegħel jiddikjara jekk jaċċetta l-wirt jew le; u dan fuq talba ta' kull min għandu nteress.*

*Jekk m'n jesperixxi l-azzjoni biex jipprovoka din id-dikjarazzjoni jkun huwa wkoll werriet, ma hix rilevanti l-kwistjoni jekk jistax jesperixxi din l-azzjoni qabel ma huwa jaċċetta l-wirt in kwistjoni, jekk jkun kreditur tal-wirt; għax bħala kreditur għandu nteress u dritt li jesperixxi din l-azzjoni, u l-lokuzzjoni tal-liġi hi ġenerika, b'mod li din l-azzjoni tappartjeni lill-kredituri tal-eredità.*

*Imma l-ispejjeż ġudizzjarji relattivi għandu jbatihom m'n jesperixxi din l-azzjoni; għax il-benefiċċju li tagħti l-liġi għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni hu kollu għall-vantaġġ ta' min jesperiha.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi fl-20 ta' Awissu 1957 mietet Emmanuela Parnis, omm il-kontendenti, u l-konvenuta sal-lum għadha ma ddeliberatx jekk hix sejra taċċetta jew tirrinunzja għall-eredità tal-imsemmija ommha; u billi l-attur għandu nteress, għall-fini taċ-ċedola ta' kompensazzjoni u kontestwali depożitu minnu preżentata quddiem dil-Qorti fit-3 ta' Lulju 1958 fl-ismijiet "Vincent Parnis vs. Avukat Dr. Giuseppe Vella ne. et.", li l-konvenuta tagħmel l-imsemmija dikjarazzjoni; talab (1) li minn dil-Qorti jiġi, għall-fini tal-art. 909 tal-Kodiċi Ċivili, prefiss lill-konvenuta żmien biex tiddikjara jekk taċċettax jew tirrinunzjax għall-wirt tal-imsemmija Emmanuela Parnis, ommha; (2) u fin-nuqqas jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenuta rripudjat l-eredità fuq

imsemmija. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Diċembru 1958, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, l-istanza tinsab bażata fuq l-art. 909 tal-Kodiċi Ċivili, li bih min ikun imsejjaħ għal wirt jista' jiġi mġiegħel jiddikjara jridx jaċċetta l-wirt jew le, fuq talba ta' "kull min għandu nteress";

Illi jirriżulta li Emmanuela Parnis ħalliet superstiti żewġ ulied biss, jiġifieri lill-attur u lill-konvenuta, u billi hija nnominat bħala werrieta lil dawk li huma msejħin bil-liġi, għall-wirt jinsabu msejħin tant l-attur kemm il-konvenuta;

Illi, apparti l-kwistjoni jekk l-attur jistax jesperixxi l-azzjoni preżenti mingħajr qabel jaċċetta l-wirt in kwistjoni, l-attur però jinsab intitolat, u għandu nteress jesperiha, bħala "kreditur" ta' dak il-wirt; u billi l-lokuzzjoni tal-liġi hija ġenerika din l-azzjoni, kif jikkommenta Pacifici Mazzoni, "appartiene indubitabilmente ai creditori della eredità" (Successioni, Vol. V, §16);

Illi, dwar il-kap tal-ispejjeż, għandu jingħad illi l-beneficċju tal-art. 909 fuq ċitat huwa kollu għav-vantaġġ tal-attur, u għalhekk huwa biss għandu jissopporta l-ispejjeż relattivi (*Kollez. XX-II-401*);

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tipprefiġġi lill-konvenuta xahar żmien, prorogabbli għal xahar ieħor; kollox fis-sens u għall-fini tal-imsemmi art. 909 tal-Kodiċi Ċivili;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.